maltarightnow.com

# L-Isqof Emeritus Ġużeppi Mercieca jikkonċelebra l-pontifikal ta' Santa Marija fl-Imqabba

*8/15/2011 10:46:51 AM*
*Awtur:*




L-Isqof Emeritu Ġużeppi Mercieca kkonċelebra l-pontifikal fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija fl-Imqabba.

Waqt l-omelija, l-Isqof Emeritu fisser l-importanza tal-festa ta' Santa Marija. Huwa fisser kif Marija Santissima qeda fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem. Fl-1 ta' Novembru tal-1950, il-Papa Piju 12 kien iddikjara dan il-fatt bħala domma ta' fidi.

Il-Festa ta' Santa Marija tiġi ċċelebrata f'6 lokalitajiet f'Malta u waħda fir-Rabat Għawdex. Nhar il-Ħadd li ġej mbagħad ikun imiss lill-parroċċi tal-Imġarr u ta' Ħad-Dingli li jiċċelebraw il-Festa ta' Santa Marija. Il-Ħadd ta' wara, issir il-festa fiż-Żebbuġ Għawdex. Il-festa ta' Santa Marija hija waħda mill-aktar festi antiki f'Malta.

---

© 2004 - Media.Link Communications Co. Ltd - www.maltarightnow.com

PDF Created with deskPDF PDF Writer - Trial :: http://www.docudesk.com